**514. Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali, l-Onor. Roderick Galdes, jipproponi:**

Billi l-Housing Authority ("**HA**") għandha l-ħsieb li tagħti ċens temporanju ta' ħamsa u sittin (65) sena t'art f'Malta ("**l-Artijiet**") għall-iskopijiet permessi kif ġew elenkati fl-Abbozz tal-Att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr Marco Burlo datat l-[ ]; ċjoè l-użu tal-Artijiet biex jintlaħqu l-aktar bżonnijiet urġenti ta' akkomodazzjoni soċjali ta' Malta u għas-servizzi jew utilitajiet pubbliċi u komunitarji anċillari għall-implementazzjoni tal-Proġett ta' Akkomodazzjoni Soċjali;

Billi l-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali, agenzija pubblika stabbilita mill-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija Dwar il-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali, Leġiżlazzjoni Sussidjarji 595.12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija disposta li tieħu b'titolu ta' ċens temporanju l-Artijiet;

Billi l-HA hija disposta li taċċetta li jsir it-trasferiment tal-Artijiet fl-interess soċjali tal-pajjiż;

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta jista' jittrasferixxi jew jagħti artijiet bi kwalunkwe titolu jkun li jkun *ai termini* ta' artikolu 31(ċ) tal-Att Dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

Billi għalhekk l-għotja ta' ċens temporanju kif spjegat hawn jista' jsir skont l-artikolu 31(ċ) tal-Att Dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta u skont l-Att Dwar l-Awtorità tad-Djar, Kapitolu 261 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-għoti ta' ċens temporanju tal-Artijiet għandu jsir skont l-Abbozz tal-Att Pubbliku, hawn anness u mmarkat Dok A, li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

20.04.2021